**170. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Artijiet, Djar u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Ġużè Cassar, jipproponi:**

Illi l-Kamra filwaqt li tagħmel referenza għar-ruling tas-Sedja mogħti fis-seduta tat-18 ta' Diċembru, 1978 fejn is-Sedja ħasset li fir-rapport li deher fil-ġurnal "In ... Tagħna" tad-9 ta' Diċembru 1978, "fil-mod kif ġie rrapportat il-Prim Ministru, kien hemm nuqqas kbir ta' dover minn naħa tal-ġurnal "In ... Tagħna"";

Il-Kamra tiddeċiedi li tissospendi milli jattendu fil-Kamra għal żmien sitt ġimgħat mill-lum lir-*Reporters* ta' "In ... Tagħna"; u tordna wkoll li matul l-istess żmien, l-ebda rapport ta' *debates,* jew proċeduri jew kull xorta oħra ta' *business* ta' din il-Kamra, ma jistgħu jidhru fl-istess ġurnal, jew f'xi ġurnal ieħor li jkollu bħala editur u/jew stampatur l-istess persuni li llum jokkupaw dawn il-karigi f'"In ... Tagħna".

08.02.1979